

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1341**tas-17 ta' Lulju 2017****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, b'mod partikolari l-użu mir-Reġim Sirjan ta' armi kimiċi u l-involviment tiegħu fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi, jenħteġ li jiżiedu 16-il persuna mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (3) Għaldaqstant, jenħteġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ ĠUL 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNEX

Il-persuni li ġejjin jiżiedu mal-lista li tinsab fit-taqsim A (Persuni) tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“242	Samir Dabul (magħruf ukoll bħala Samir Daaboul)	Data tat-twelid: 4 ta' Settembru 1965 Titlu: Brigadier Ġeneral	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili u involut fil-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre (Ċentru tal-Istudji u r-Riċerka Xjentifiċi), entità elenkata.	18.7.2017
243.	Ali Wanus (magħruf ukoll bħala Ali Wannous) (علي وانوس)	Data tat-twelid: 5 ta' Frar 1964 Titlu: Brigadier Ġeneral	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili u involut fil-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
244.	Yasin Ahmad Dahi (magħruf ukoll bħala: Yasin Dahi; Yasin Dhahi) (ضاحي ياسين)	Data tat-twelid: 1960 Titlu: Brigadier Ġeneral	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani, fil-kariga wara Mejju 2011. Uffiċjal għoli fi ħdan id-Direttorat tal-Intelligence Militari tal-Forzi Armati Sirjani. Eks-kap tal-Fergħa tal-Intelligence Militari 235 f'Damasku u l-Intelligence Militari f'Homs. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili.	18.7.2017
245.	Muhammad Yousef Hasouri (magħruf ukoll bħala: Mohammad Yousef Hasouri; Mohammed Yousef Hasouri) (محمد يوسف حاصوري)	Titlu: Brigadier Ġeneral	Il-Brigadier Ġeneral Muhammad Hasouri huwa uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Huwa għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Persunal tal-Brigata tal-Forza tal-Ajru 50 u Deputat Kmandant tal-Bażi tal-Ajru ta' Shayrat. Il-Brigadier Ġeneral Muhammad Hasouri jopera fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	18.7.2017
246.	Malik Hasan (magħruf ukoll bħala: Malek Hassan) (مالك حسن)	Titlu: Maġġur Ġeneral	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tat-22 Diviżjoni tal-Forza tal-Ajru Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana u fil-katina tal-kmand tat-22 Diviżjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, inkluż l-użu ta' armi kimiċi minn ingeni tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tat-22 Diviżjoni, bħall-attakk fuq Talmenas li, kif irrapportat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti twettaq minn elikopters tar-reġim ibbażati fil-mitjar ta' Hama.	18.7.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
247.	Jayyiz Rayyan Al-Musa (magħruf ukoll bħala: Jaz Sawada al-Hammoud al-Mousa; Jayez al-Hammoud al-Moussa) (الموسى الحمود جاييز)	Titlu: Maġġur Ġeneral	Gvernatur ta' Hasaka, maħtur minn Bashar al-Assad; huwa assoċjat ma' Bashar Al-Assad. Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u eks-Kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Bħala uffiċjal għoli tal-Forza tal-Ajru Sirjana, hu responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, inkluż l-użu ta' attakki bl-armi kimiċi mir-reġim Sirjan matul il-kariga tiegħu bħala Kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru Sirjana, kif identifikat fir-rapport tal-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti.	18.7.2017
248.	Mayzar 'Abdu Sawan (magħruf ukoll bħala: Meezar Sawan) (میزار عبد الصوان)	Titlu: Maġġur Ġeneral	Għandu l-grad ta' Maġġur Ġeneral, uffiċjal għoli u Kmandant tal-20 Diviżjoni tal-Forza tal-Ajru Sirjana, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal għoli tal-forza tal-ajru Sirjan huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili inkluż attakki kontra żoni ċivili minn inġenji tal-ajru li joperaw minn bażijiet tal-ajru taħt il-kontroll tal-20 Diviżjoni.	18.7.2017
249.	Isam Zahr Al-Din (magħruf ukoll bħala: Isam Zuhair al-Din; Isam Zohruddin; Issam Zahrudhin; Issam Zahreddine; Essam Zahrudhin) (الدين زهر عصام)	Titlu: Brigadier Ġeneral	Għandu l-grad ta' Brigadier Ġeneral, uffiċjal għoli fil-Gwardja Repubblikana, fil-kariga wara Mejju 2011. Bħala uffiċjal militari għoli huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż matul l-assedju ta' Baba Amr fi Frar 2012.	18.7.2017
250.	Mohammad Safwan Katan (magħruf ukoll bħala: Mohammad Safwan Qattan) (محمد صفوان قطان)		Mohammad Safwan Katan huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata. Huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twasil tagħhom. Mohammad Safwan Katan kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
251.	Mohammad Ziad Ghritawi (magħruf ukoll bħala: Mohammad Ziad Ghaywati) (غريواتي محمد زياد)		Mohammad Ziad Ghritawi huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre. Huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twasil tagħhom. Mohammad Ziad Ghritawi kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
252.	Mohammad Darar Khaludi (magħruf ukoll bħala: Mohammad Darar Khloudi) (محمد ضرار خلودي)		Mohammad Darar Khaludi huwa inġinier fis- Syrian Scientific Studies and Research Centre. Huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Mohammad Darar Khaludi kien magħruf ukoll li kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa wkoll assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
253.	Khaled Sawan (صوان خالد)		Dr. Khaled Sawan huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, li huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Huwa kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa kien assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
254.	Raymond Riżq (magħruf ukoll bħala: Raymond Rizk) (رزق ريمون)		Raymond Riżq huwa inġinier fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
255.	Fawwaz El-Atou (magħruf ukoll bħala: Fawaz Al Atto) (فواز الاطو)		Fawwaz El-Atou huwa tekniku tal-laboratorju fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Fawwaz El-Atou kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas- Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
256.	Fayez Asi (magħruf ukoll bħala: Fayez al-Asi) (فايز أسي)		Fayez Asi huwa tekniku tal-laboratorju fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre, involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi u t-twassil tagħhom. Kien involut fil-kostruzzjoni ta' bombi bettija li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Huwa assoċjat mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017
257.	Hala Sirhan (magħruf ukoll bħala: Halah Sirhan) (هالة سرحان)	Data tat-twelid: 5 ta' Jannar 1953 Titlu: Dr.	Dr. Hala Sirhan taħdem mal-Intelligence Militari Sirjana fis-Syrian Scientific Studies and Research Centre. Hija operat f'Institute 3000, li huwa involut fil-proliferazzjoni ta' armi kimiċi. Hija assoċjata mas-Syrian Scientific Studies and Research Centre, entità elenkata.	18.7.2017"